# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 3 ta' Marzu, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**
**vs**
**Curtis Bakoush**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Curtis Bakoush detentur tal-karta ta' l-identita' numru 340689M;

Akkuzat talli nhar it-3 ta' Marzu, 2016 bejn nofs il-lejl (0:00hrs) u s-saghtejn ta' filghodu (2:00) gewwa l-Belt Valletta u f'dawn il-gzejjer kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 15 ta' Gunju, 2014 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dott. M. Farrugia LL.D. li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest bil-kundizzjoni li jibqa' jirrisjedi fi Grotto Court, Blk D, Flat 12, Triq Dun Karm, Msida u ma johrogx minn dan il-fond bejn l-ghaxra ta' filghaxija (22:00hrs) u s-sitta ta' filghodu (06:00hrs) filwaqt illi jiffirma gewwa l-Ghaxxa tal-Pulizija tal-Imsida kull nhar ta' Tnejn, Erbgha u Gimgha bejn it-tmienja ta' filghodu (08:00hrs) u t-tmienja ta' filghaxija (20:00hrs).

Il-Qorti giet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-ismemmija reati, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-riarrest ta' l-imsemmi Curtis Bakoush, kif ukoll tordna li s-somma ta' elf ewro (€1,000) bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u li l-ufficjal prosekutur irtira t-talba ghar-revoka tal-helsien mill-arrest.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat id-dokumenti esebieti.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu; qed tiehu in konsiderazzjoni ukoll l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u liema kienu l-kundizzjonijiet li ma gewx osservati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tiukkundannah erbgha (4) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospieza ghal perjodu ta' tminstax (18) il-xahar u qed tordna li l-garanzija personali ta' elf Euro (€1,000) tigi konfiskata favur il-Gvern ta' Malta; l-imsemmija somma ta' elf Euro ghandha tithallas fi zmien tmintax il-xahar. Il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ghar-revoka tal-helsien mill-arrest stante li din giet irtirata mill-ufficjal prosekutur.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**